MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2003

Appell Civili Numru. 372/1999/2

**Commonwealth Educational Society Limited**

**vs**

**Adriana Camilleri**

**Il-Qorti,**

Is-socjeta` attrici qed titlob li dina l-Qorti tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza deciza minn dina l-Qorti fl-14 ta' Dicembru 2001, li fil-parti essenzjali taghha tipprovdi hekk:-

"**Is-sentenza ta' din il-Qorti**

6. Illi ghandu jigi rilevat li l-ewwel eccezzjoni ta' l-appellata fil-konfront tar-rikors ta' appell li kien "fuori termine" giet irtirata.

Illi, fit-tieni lok, ghandu jigi rilevat wkoll illi l-appellanti qieghed jitlob biss ir-revoka in toto tas-sentenza appellata kif moghtija fid-19 ta’ Gunju, 2000. Fi kliem iehor huwa ma talabx u mhux qed jitlob ukoll ir-revoka tad-digriet moghti mill-ewwel Qorti fit-13 ta’ Marzu, 2000, li, in forza tieghu, it-talba tas-socjeta’ attrici “Commonwealth Educational Society Limited” sabiex fl-okkju jizdiedu l-kliem “ta’ Nassau, Bahamas, kif rapprezentata lokalment mill-mandatarju taghha Godfrey Aquilina” giet michuda. Dan il-fatt inissel il-konsegwenza li sallum l-azzjoni attrici ghadha qeghda ssir f’isem socjeta’ allegatament registrata barra minn Malta u li fil-mument meta gie pprezentat ir-rikors promotorju fir-Registru tal-Qorti tal-Magistrati kontra l-intimata appellata, din la deher ghaliha l-mandatarju taghha u l-indirizz riportat fl-avviz – indirizz f’lokalita’ gewwa Malta – ma kienx l-indirizz ta’ mnejn din is-socjeta’ estera kienet topera. Ifisser ukoll, fin-nuqqas ta’ appell, it-talba tar-revoka ta’ dan id-digriet jigifieri, li s-sottomissjonijiet kollha li saru fir-rikors ta’ appell dwar jekk l-Ewwel Qorti kienetx gustifikata jew inkella le dwar jekk kellhiex invece takkolji t-talba ghall-precitata korrezzjoni fl-okkju a tenur ta’ l-artikolu 175 (1) tal-Kap 12 m’ghandhom l-ebda siwi ghall-fini ta’ dana l-apell. Ifisser mela li l-appell odjern, ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, gie interpost u jinsab intavolat minn socjeta’ estera.

7. Illi, kif tajjeb gie sottomess fir-rikors ta’ appell “billi s-socjeta’ estera hija wahda inkorporata fil-Bahamas u ghalhekk barra minn Malta ......ai termini ta’ l-artikoli 180 (1)(a) u (2) kif ukoll ta’ l-Artikolu 187 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, kien jinhtieg ukoll illi, filwaqt tal-prezentata ta’ l-Att ta’ l-Avviz, l-istess socjeta’ jkollha lil xi hadd hawn Malta awtorizzat bil-miktub sabiex jipprezenta l-iskrittura ghan-nom taghha, u dana sew ghall-finijiet tal-prezentata ta’ l-istess skritturi, kif ukoll ghall-finijiet tan-notifika”.

8. Illi din il-Qorti tinnota li fil-mument proprju li saret il-prezentata ta’ l-avviz promotorju, dak li huwa rikjest ad validitatem fil-ligi tal-procedura fl-artikolu 180(1) tal-Kap 12 ma giex osservat ad unguem. Kien evidentement ghalhekk illi in segwitu giet mitluba korrezzjoni fl-okkju billi

l-patrocinant legali taghha bilfors irrealizza li minghajr tali korrezzjoni, l-avviz li gie pprezentat mis-socjeta' attrici appellanti kien irritu u null. Tajjeb jew hazin, il-fatt jibqa' li t-talba ghall-fini ta' korrezzjoni fl-okkju ma gietx akkordata mill-Ewwel Qorti u li wara li din giet respinta minnha la sar appell u lanqas ma giet irtirata l-azzjoni biex, minflok, tigi riproposta ohra kif titlob il-ligi. Illi ghalhekk huwa kollu inutli ghas-socjeta' attrici li tibqa' tinsisti fuq dak li suppost sar mill-ewwel Qorti.

9. Is-sottomissjonijiet kollha tas-socjeta' appellanti, li anke hi bhala socjeta' registrata barra minn Malta, jista' jkollha, u fil-fatt ghandha, personalita' guridika distinta li tintitolaha tagixxi f'isimha m'humiex il-pern veru tal-kwistjoni. Il-punt veru ta' diffikulta' huwa dak invece li l-prezentata ta' l-avviz promotorju saret minn persuna li fil-mument tal-prezentata ma kienetx Malta u li, waqt il-prezentata ta' l-avviz promotorju mill-atti, ma kien hemm assolutament xejn x'juri li din is-socjeta' estera kellha lokalment mandatarju in rapprezentanza taghha. F'dan is-sens ghalhekk, m'ghandhiex ragun is-socjeta' appellanti li tibqa' tinsisti li hija kienet "ab initio" ottemperat ruhha sew mar-rekwiziti kollha tal-ligi. Dan huwa invece manifestament skorrett. Meta l-ewwel Qorti rriferiet ghas-socjeta' attrici bhala wahda "non-ezistenti" kien jidher sufficjentement evidenti mill-korp ta' l-istess decizjoni li dak li riedet tfisser l-Ewwel Qorti kien li din is-socjeta' ma kienetx inkorporata lokalment, ma kellhiex indirizz jew ufficcju f'Malta, u fil-mument tal-prezentata ta' l-avviz ma kellhiex mandatarju biex jirrapprezentaha formalment skond il-ligi, u dan kif fuq inghad. Jekk il-fatti kienu differenti, dawn certament ma dehrux hekk meta l-att promotorju gie pprezentat, ghaliex "quod non est in acti non est in mundo". Is-socjeta' attrici ppruvat tissana tali nuqqas procedurali billi <u>wara</u> l-akkadut tipprezenta dokumenti in iskritt u taghmel talba ghall-fini ta' korrezzjoni izda ma rnexxilhiex tottjeniha. Bic-cahda tal-korrezzjoni li intalbet kien ifisser li kollox baqa invarjat. Kwindi dan igib u jwassal ghan-nullita' ta' l-istess prezentata – ezattament kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti li dwarha gie interpost dana l-appell. Kien evidentement ghal din ir-raguni li l-Ewwel

Qorti gustament irriteniet illi "kwindi kif intavolata l-azzjoni ma tistax tregi".

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-kawza fl-ismijiet premessi, tichad l-appell tas-socjeta' appellanti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha."

L-aspetti saljenti tat-talba ghar-ritrattazzjoni huma msejsa fuq din il-bazi:-

i. Fil-parti sostanzjali u rilevanti taghha l-Qorti applikat l-Art. 180 (1)(a) u (2), u l-Art 187 tal-Kap 12 b'mod hazin u bi pregudizzju serju ghaliha;
ii. L-Artikolu 180 (1) bl-ebda mod ma jirrekjedi illi fil-mument ta' l-att ta' l-avviz s-socjeta` attrici, bhala socjeta` estera, kellha tindika fl-istess att promotur illi hija kellha mandatarju sabiex jirrapprezentaha formalment;
iii. L-Artikolu 174 (1) tal-Kap 12 jistabilixxi x'ghandha tikkontjeni l-iskrittura, u fil-kaz ta' l-Avviz, jghodd dak stabbilit fl-Art. 171 (1) tal-istess Kap 12;
iv. Kien hemm fil-kaz 'de quo' ottemperanza ma' dak dispost fl-Artikolu 181A(1), Kap 12, fis-sens li trattandosi ta' korp b' personalita` guridika distinta fl-Avviz gie indikat l-isem tal-korp.
v. L-Artikoli 180 (2) u 187 Kap 12, citati mill-Qorti ma jghoddux ghal kaz in kwantu ta' l-ewwel jitratta minn rinunzja ghall-atti, ammissjoni tat-talba, jew kunsens ghal zbank ta' depoziti, li mhux il-kaz hawnhekk, mentri tat-tieni jitratta minn notifika ta' l-atti u allura ma jghoddx ghal kwestjoni centrali dwar il-validita` o meno tal-prezentata ta' l-iskritturi;
vi. L-eccezzjoni tan-nullita` ta' l-Avviz ma setghet qatt tintlaqa' minn dina l-Qorti peress illi ebda wahda mir-ragunijiet elenkati fl-Art. 789 (1) tal-Kap 12 ma kienu jipprevalixxu.

Il-konvenuta opponiet din it-talba fit-termini prevvisti fir-Risposta taghha u fin-nota tal-osservazzjonijiet. Il-kontestazzjoni taghha hi arginata fuq dawn il-premessi:-

(a) Ir-rikors promotorju hu null u bla effett a tenur ta’ l-Art 789 (1) tal-Kap 12. Posizzjoni din gja assunta minnha fl-eccezzjoni ulterjuri taghha fil-prim’istanza;
(b) Il-Qorti ta’ l-Appell applikat il-ligi korrettement;
(c) Il-procedura ntentata ghandha tigi dikjarata dezerta billi ma ngiebet l-ebda kawtela, kif hekk jissanzjona l-Art 815 tal-Kap 12. Din ir-raguni llum tinsab sorvolata billi fil-mori tal-proceduri giet prodotta garanzija idonea in segwitu ghad-decizjoni ta’ dina l-Qorti tal-10 ta’ Jannar 2003 fuq dan il-punt.
(d) Fil-meritu, t-talba taht is-subinciz (e) ghall-Art 811 tfalli, u dan ghall-motiv illi meta l-kwestjoni tkun wahda ta’ interpretazzjoni li s-sentenza attakkata tkun tat lil-ligi ma hemmx lok ghal ritrattazzjoni.

Dan kollu fuq rikapitulat mill-atti ghandu certament jigi mizurat fil-parametri tal-principji tal-istitut tar-ritrattazzjoni li, kif pacifikament akkolt, dejjem gie meqjus bhala wiehed straordinarju, governat minn regoli ta’ interpretazzjoni strettissima (**Vol XXVII pI p818**). Anzi, fil-verita`, l-Qrati taghna dejjem ammonew illi ma ghandux jigi konsentit illi taht il-pretest tar-ritrattazzjoni l-litigant sokkombent jerga’ jiftah il-kawza berah, u b’hekk jigi indirettament krejat tribunal tat-tielet istanza (**Vol XLII pI p227**).

Gustament kif kellu okkazjoni jippreciza Sir Antonio Micallef fid-decizjoni tieghu fl-ismijiet “**Conte Pietro Paolo Theuma Castelletti et – vs- Lo Studente Salvatore Chetcuti et**”, Prim’Awla, Qorti Civili, 3 ta’ Jannar 1873 a Vol VI pagna 345:-

“*Ed al certo non vi e` un caso, in cui si contesti la lite ed in cui non si controverte sul senso della legge dei contratti e dei testamenti, e non vi e` un caso in cui la parte soccombente non possa pretendere essere stata a suo danno commessa un’ingiustizia*”.

Hu proprju in raguni ghal din l-osservazzjoni illi skond l-Artikolu 813, Kap 12, il-ligi tirrestringi r-rimedju tar-ritrattazzjoni ghal certi ragunijiet biss tassattivament

elenkati fl-Artikolu 811 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

Is-socjeta` rikorrenti qed tibbaza t-talba taghha ghas-smiegh mill-gdid fuq is-subinciz (e) ta' l-Artikolu 811 precitat. Artikolu dan li jaghti lok ghar-rimedju invokat "jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin". Il-ligi tissokta, imbaghad, tiddefinixxi l-limiti ta' dan is-subinciz billi tipprovdi s-segwenti:-

"Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-Qorti tkun espressament tat decizjoni".

Il-kazistika taghna fuq din id-disposizzjoni hi wahda abbundanti u, kif ser jintwera, nkwadrata b'dawn ir-riflessjonijiet alkwantu restrittivi:

(i) "*Hemm biss applikazzjoni hazina tal-ligi fit-termini ta' dan is-subinciz mhux meta jkun hemm interpretazzjoni hazina tal-ligi applikabbli ghall-fatti imma biss meta ma tkunx giet applikata l-ligi gusta ghal dawk il-fatti*" – "**Carmelo Busuttil –vs- Mary Gauci**", Appell, 24 ta' Jannar 1997;

(ii) *Bhal fil-kaz prezenti, "ir-rikorrenti qeghda ssostni li hi l-konvinzjoni taghha li l-Qorti ta' l-Appell applikat il-ligi hazin. Dan pero` mhux bizzejjed biex jeradika d-dritt ghal ritrattazzjoni. Hi trid tipprova bil-premessa taghha li l-Qorti applikat il-ligi l-hazina u mhux li applikat il-ligijiet taghha b'mod hazin*" – (**Vol LXXVI pII p196**; "**Reginald Micallef et noe –vs- Godwin Abela et noe**", Appell Kummercjali, 3 ta' Gunju 1994).

(iii) "*L-ipotesi ta' applikazzjoni hazina ta' ligi tikkonkreta ruhha meta hemm vjolazzjoni manifesta tal-ligi, u mhix soggetta ghall-interpretazzjoni, razjocini jew argomenti*: (**Vol VII p526**; **Vol XXIX pI p795**; "**Dorothy Xuereb –vs- George Xuereb**", Appell, 20 ta' Jannar 1982; "**Fedele Dali –vs- Coronate Sare`**", Appell, 20 ta' Frar 1996; "**Anthony J. Camilleri et –vs- Avukat Dottor Victor**

**Ragonesi noe**", Appell, 28 ta' Frar 1997 u "**Joseph Tabone noe –vs- John Mousu' pro et noe**", Appell, 12 ta' Dicembru 2001, fost bosta ohrajn).

Stabbiliti dawn l-osservazzjonijiet dedotti mill-gurisprudenza taghna, huwa bil-wisq ovvju minn ezami tas-sentenza ta' dina l-Qorti, u li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni, illi l-Qorti illimitat ruhha biex tinterpreta ghall-fatti d-dispost ta' l-Artikolu 180 tal-Kap 12. Tajjeb jew hazin, hi sostniet illi fil-mument tal-prezentata tal-avviz s-socjeta` ritrattandi ma osservatx 'ad unguem' dak rikjest mil-ligi tal-procedura fil-precitat artikolu. Dan fis-sens illi l-prezentata ta' l-avviz saret minn persuna li fil-mument tal-prezentata ma kienetx Malta u li waqt din il-prezentata ma kien hemm assolutament xejn x'juri li s-socjeta` rikorrenti, qua socjeta` estera, kellha rapprezentant lokali taghha.

Issa huwa minnu dak ritenut mis-socjeta` ritrattandi illi wara l-emendi tal-Att XXIV tal-1995 gie provvdut bl-Artikolu 181A tal-Kap 12 illi l-isem tal-korp fl-iskritturi hu bizzejjed ghal validita` ta' l-att introduttiv bl-Avviz. Huwa minnu wkoll illi l-avviz intavolat jirrivesti purament fil-forma tieghu dak stabbilit fl-Artikolu 174 tal-Kap 12.

Strettament, pero`, l-kwestjoni dibattuta fil-proceduri li minnhom issa qed tintalab ir-ritrattazzjoni ma kienux dawn izda l-fatt illi s-socjeta` rikorrenti ma kienetx inkorporata lokalment u qua socjeta` estera ma kellhiex min jirrapprezentaha fil-mument fokali tal-prezentata tal-att promotur tal-avviz.

Huwa veru wkoll, u f'dan ma hemm xejn gdid, illi, kif bosta drabi rilevat fil-gurisprudenza, l-atti ghandhom jigu salvati anzikke` biha annullati jew dikjarati nulli. Tabilhaqq, kif emendat fl-1995, l-Art 175 tal-Kap 12 illum hu ferm aktar wiesgha sal-punt li l-Qorti tista' tawtorizza "s-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi … … billi jissewwa kull zball iehor jew billi jiddahhlu hwejjeg ohra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata".

F'dan il-kaz pero` t-talba propulsa ghal korrezzjoni tal-att ta' l-avviz mhux biss ma gietx intrattenuta u milqugha mill-

ewwel Qorti adita talli addirittura mid-digriet tac-cahda ta' talba bhal din ma sar l-ebda appell, kif hekk gie notat ukoll minn dina l-Qorti fis-sentenza taghha, li dwarha qed jintalab bl-istanza odjerna s-smiegh mill-gdid. F'dawn ic-cirkostanzi dina l-Qorti, kif allura diversament presjeduta, kellha tillimita ruhha biss ghall-fatti kif prezentati quddiemha u minnhom tinterpreta d-disposizzjoni rilevanti tal-ligi. Taqbel jew le mal-Qorti li ppronunzjat id-digriet tac-cahda tat-talba ghall-korrezzjoni, din il-Qorti issa f'dan l-istadju tal-kawza ritrattata ma tistax lanqas jekk trid jew tixtieq tokkupa ruhha minn din il-problema.

Issa huwa wkoll minnu dak relatat mis-socjeta` ritrattandi fir-rikors taghha illi n-nullita` tal-att gudizzjarju taghha ma huwiex espressament komminat mill-Artikolu 789 (1) tal-Kap 12.

Izda kif jista' jigi argumentat minn xi normi procedurali stabbiliti fil-Kodici ta' Organizazzjoni u Proceduri Civili, "*esistono varie disposizioni delle quali si deve dedurre che nello spirito di quelle leggi chiunque e` parte in una causa deve essere presente in queste isole per tutto il corso del giudizio, e qualora se ne assente deve farvisi rappresentare da un procuratore: tali sono ad esempio le disposizioni per cui viene ordinata la notificazione di taluni atti alla parte stessa, o si indicano le persone che possono presentare scritture o trattano della comparizione o non comparizione delle parti alla trattazzione della causa* (articoli 171, 201, 207 inciso primo, 208, 214, 221, 225 e 234 delle dette leggi – illum Art 152, 174, 180, 182, 187, 195, 199 u 209 tal-Kap 12)" – "**Emilia Miller Blacker –vs- Maria Costantina Howard Mills Mattei**", Appell Civili, 16 ta' Dicembru 1921.

Huwa desumibbli minn dan dedott illi min jipprezenta att gudizzjarju jrid ikun prezenti fil-gurisdizzjoni Maltija fil-mument tal-prezentazzjoni ta' l-att u jekk ma jkunx, allura l-att ghandu jigi prezentat permezz ta' mandatarju jew prokuratur. Jekk dan ma jsirx dak l-att jigi ritenut null. Il-Qrati taghna kienu jakkordaw biss certa liberalita` ta' gudizzju fejn wara l-prezentata valida ta' l-att promotur, dak li jkun jassentixxi ruhu temporanjament fil-kors tal-

proceduri u fl-intervall jigu ntavolati atti ohra f'ismu. F'kazijiet analogi, kif bosta drabi ritenut, il-mandat ta' l-avukat jew prokuratur legali ma jispiccax u lanqas jigi sospiz bis-safar tal-mandanti. U allura dawn, in forza tal-Art. 180, jistghu jipprezentaw skritturi ghall-mandanti taghhom. A propozitu jghoddu d-decizjonijiet fl-ismijiet "**Neg. Antonio G. Agius –vs- Samuel Lebet Hazan**", Appell Civili, 28 ta' Novembru 1883, "**Tabib Dr. Joseph Ellul –vs- Jos. G. Coleiro**", Appell Civili, 24 ta' Jannar 1964, "**Avukat Dr. Francis Portanier –vs- Dr. Frank Chetcuti et noe**", Appell Civili, 13 ta' Novembru 1967 u "**Adrian Richard Margot –vs- Alfred Galea et**", Appell Civili, 31 ta' Lulju 1979.

Fl-ahhar mill-ahhar gjaladarba hawn qeghdin in tema ta' ritrattazzjoni, l-kwestjoni fondamentali tibqa' dik illi s-sottomissjonijiet tas-socjeta` ritrattandi ma jinkwadrawx ruhhom taht l-inciz (e) ta' l-Art 811 tal-Kap 12 billi minn imkien mis-sentenza attakkata ma jirrizulta li saret applikazzjoni hazina tal-ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi r-rikors billi tiddikjara illi l-pretiz motiv addott mis-socjeta` rikorrenti ai termini tal-Artikolu 811 (e) tal-Kap 12 ma ghandu l-ebda fundament guridiku u ghalhekk it-talba biex tigi revokata d-decizjoni ta' dina l-Qorti diversament presjeduta tal-14 ta' Dicembru 2001 fl-istess ismijiet premessi, u li tigi ritrattata l-kawza, ma tistax tigi milqugha.

L-ispejjez gudizzjarji ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` ritrattanda.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

--------------------------------TMIEM--------------------------------